**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI TA' ĠURISDIZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Rikors Ġuramentat numru 117/2023SG**

**Noel Teuma**

**–vs–**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex)**

**Illum, 28 ta' Ġunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' Ottubru, 2023, fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

*"1. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, li jġib in-numru sebgha u ghoxrin tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (27/1993), taħt il-kolonna 'Isem u Kunjom' 'Missier it-tarbija', kunjom missier ir-rikorrenti ġie erronjament imniżżel bħala 'Teuma' minflok 'Theuma' u dan hekk kif jidher mill-kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;*

*2. Illi fl-istess ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, taħt il-kolonna 'Isem u kunjom tal-missier u jekk mhux haj jew mejjet' kunjom in-nannu tar-rikorrenti gie erronjament imniżżel bħala 'Teuma' minfllok 'Theuma' u dan kif jidher mill-istess kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;*

*3. Illi fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrent bin-numru progressiv bin-numru tnejn u tletin tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (32/2023) ma' martu Janet nee'*

*Zerafa, fil-kolonna 'Taghrif dwar il-Konjugi (1)', kunjom ir-rikorrenti gie erronjament indikat bhala 'Tewma' minflok 'Theuma' u dan hekk kif jidher mill-kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;*

*4. Illi fl-istess certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti, fil-kolonna 'isem u kunjom il-genituri, inkluz kunjomhom fit-twelid' tat-'Taghrif dwar il-Konjugi (1)', kunjom missier ir-rikorrenti gie erronjament indikat bhala 'Tewma at birth Tewma' minflok 'Theuma at birth Theuma' u kunjom om mir-rikorrenti gie erronjament indikat bhala 'Tewma' minflok 'Theuma';*

*5. Illi fl-istess certifikat taz-zwieg ukoll, fil-kolonna 'Kunjom wara z-zwieg skond l-artikou 4(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16), kemm fit-'Taghrif dwar il-konjugi (1) u kemm fit-'Taghrif dwar il-Konjugi (2)', il-kunjom huwa erronjament indikat bhala 'Tewma' minflok 'Theuma';*

*6. Illi kunjom ir-rikorrenti kif ukoll tal-genituri tieghu dejjem kien 'Theuma' u mhux hekk kif indikat erronjament bhala 'Teuma' jew 'Tewma;*

*7. Illi infatti il-Karta ta' l-Identita' tal-genituri tar-rikorrenti hawn annessi bhala Dok. C u Dok. D, entrambi huma indikati bhala 'Theuma';*

*8. Illi meta twieled ir-rikorrenti, isem l-omm fuq it-tag tal-isptar tar-rikorrenti bhala tarbija fil-fatt huwa indikat bhala 'Theuma' (Dok. E)*

*9. Illi l-istess matul il-kors tal-hajja tieghu, ir-rikorrenti dejjem gie maghruf bil-kunjom 'Theuma' u cioe' fic-certifikat tal-iskola (Dok. F), fic-certifikati tas-City & Guilds (Dok. G sa Dok. M), fic-certifikati tal-MCAST (Dok. N- Dok. O), licenzji tad-Dawla mar-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma (Dok. S), kontijiet tad-dawla u l-ilma (Dok. T) fost hafna okkazjonijiet ohra;*

*10. Illi apparti hekk, l-esponenti dejjem gharaf lilu nnifsu bhala bil-kunjom 'Theuma' hekk kif ukoll il-genituri tieghu u dan kif jidher evidentement car fil-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tas-sitta (6) ta' Gunju, tas-sena elfejn u sittax (2016) hekk kid jidher mill-kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. U, fejn it-tlett (3) firmatarji iffirmaw bhala 'Theuma';*

*11. Illi dan l-iżball mhux attribbwibbli ghar-rikorrenti u dan stante li kif indikat ċar ir-rikorrenti u anke l-genituri tieghu konsistentement uzaw il-kunjom 'Theuma' u mhux 'Teuma' jew 'Tewma';*

*12. Illi r-rikorrenti permezz ta' l-istanti rikors ġuramentat irid li ssir id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat uffiċċjali tat-Twelid u fic-certifikat ufficcjali taz-Zwieg hawn fuq imsemmi u dan sabiex jirrifletti eżattament l-istat ta' fatt kif spjegat;*

*Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja d-dikjarazzjonijiet xierqa u opportuni:*

*1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru sebgha u ghoxrin tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (27/1993) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura "Isem u Kunjom' 'Missieri it-tarbija', sabiex kunjom il-missier indikat bhala 'Teuma' jigi sostitwit u kkoregut bhala 'Theuma';*

*2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru sebgha u ghoxrin tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (27/1993) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna 'Isem u kunjom tal-missier u jekk mhux haj jew mejjet' sabiex kunjom in-nannu tar-rikorrenti jigi sostitwit u kkoregut bhala 'Theuma';*

*3. Tordna l-korrezzjoni tal-att taz-Zwieg bin-numru tnejn u tletin tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (32/2023) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna that l-intestatura 'Taghrif dwar il-Konjugi (1)', sabiex kunjom ir-rikorrenti jigi sostitwit u kkoregut bhala 'Theuma';*

*4. Tordna l-korrezzjoni tal-att taz-Zwieg bin-numru tnejn u tletin tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (32/2023) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna that l-intestatura 'isem u kunjom il-genituri, inkluz kunjomhom fit-twelid' tat-'Taghrif dwar il-Konjugi (1)', kunjom missieri ir-rikorrenti jigi sostitwit u kkoregut bhala 'Theuma at birth 'Theuma';*

*5. Tordna l-korrezzjoni tal-att taz-Zwieg bin-numru tnejn u tletin tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (32/2023) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna that l-intestatura 'isem u kunjom il-genituri, inkluz kunjomhom fit-twelid' kunjom om mir-rikorrenti jigi sostitwit u kkoregut bhala 'Theuma;*

*6. Tordna l-korrezzjoni tal-att taz-Zwieg bin-numru tnejn u tletin tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (32/2023) u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna that l-intestatura 'Kunjom wara z-zwieg skond l-artikou 4 (1) tal-Kodifici Civili (Kap. 16), kemm fit-'Taghrif dwar il-konjugi (1) u kemm fit-'Taghrif dwar il-Konjugi (2)', il-kunjom jigi sostitwit u kkoregut bhala 'Theuma';*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subbizzjoni li għaliha huwa minn issa qiegħed jiġi nġunt."*

Rat ir-risposta tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex ippreżentata fit-23 ta' Novembru, 2023, fejn ġie eċċepit:

*"1. Illi in limine litis huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi bla preġudizzju, l-esponent jirrileva illi l-ebda talba tar-rikorrenti ma tista tiġi milqugħa, stante li r-rikorrenti ma jistgħax jitlob għall-korrezzjoni u dan għaliex ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid u tal-Att taż-Żwieg tar-rikorrent Noel Teuma kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Illi infatti l-att tat-twelid tiegħu jirrifletti u sar a bażi taċ-ċertifikati preċedenti tal-familja tiegħu, ċjoe' a bażi taċ-ċertifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti Baskal Tewma numru tlieta u tletin tas-sena elf disa' mija u tmienja u ħamsin (33/1958) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRĠ1'), a bażi taċ-ċertifikat taż-żwieg ta' missier tar-rikorrenti, ċjoe' ta' Baskal Tewma bin-numru mitejn u tmienja u erbgħin tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebgħin (248/1978) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP 2'), u a bażui taċ-ċertifikat taż-żwieg tan-nanniet tar-rikorrenti ċioe' ta' Salvu Tewma u Crisstina Tewma nee' Camilleri numru tnejn u sittin tas-sena elf disa' mija u disa' u erbgħin (62/1949) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP3'), li joħrog li l-kunjom tal-familja kien Tewma u nqaleb għal Teuma. Illi, ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni, isegwi li l-ebda bidla jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att ta' l-istat ċivili skont id-dettami ta' l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti msejsin kif inhuma fuq il-korrezzjoni ma jistghux jiġu milqugħa:*

*3. Illi madankollu, bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti lanqas ma jista' jitlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tiegħu jiġu mibdula b'mod li jinkwadraw ruħhom taħt il-parametri msemmija fl-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jiġi rilevat stante li l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti l-fakulta sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, f'każ fejn persuna jġib il-provi meħtieġa, tawtrizza annotazzjoni fuq l-att tat-twelid rispettiv sabiex tali persuna tista' tiġi magħrufa b'isem ieħor, u mhux b'kunjom ieħor. Illi l-*

*esponent itenni illi r-rikorrenti intavola l-azzjoni tiegħu sabiex ibiddel l-kunjom tiegħu u mhux isimu minn fuq l-Att tat-twelid u anke minn fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu meta dan is-sub-artikolu (2) huwa limitat biss għal bdil fl-att tat-twelid;*

*4. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikore ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;*

*5. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mihijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huma m'għandux jiġi assoġġettatt għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġuni in subizzjoni."*

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet trattazzjoni;

Rat l-atti kollha;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat**:

Il-Qorti qieset il-provi prodotti quddiemha u fliet id-dokumenti eżebiti.

Fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża, irriżulta li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimat ġiet sorvolata.

Illi mill-provi mressqa, jirriżulta li r-rikorrenti dejjem utilizza u kien magħruf bil-kunjom ta' 'Theuma', u dan kif jemani minn evalwazzjoni tad-dokumenti ppreżentati bħala Dok F, Dok G, Dok H, Dok I, Dok J, Dok K, Dok L, Dok M, Dok P, Dok Q, Dok

R, Dok S, Dok T, Dok U, Dok O u Dok N, kif ukoll minn evalwazzjoni tal-affidavit eżebit bħala Dok D. Jirriżulta wkoll li fil-karta tal-identità tal-ġenituri tar-rikorrenti, dawn ġew indikati bħala 'Theuma' (vide Dok C u D a fol 8 u 9) u dejjem utilizzaw il-kunjom ta' 'Theuma'(Vide Dok A, Dok B u Dok C a fol 50 et seq).

Mill-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti, ma jirriżultax li t-talba tar-rikorrenti ġiet vantata kapriċċożament. Huwa minnu li l-korrezzjoni ta' kunjom hija imprekattiva legalment, għax tista' ssir biss jekk jirriżulta li kien hemm żball f'dak il-kunjom kif reġistrat. In fatti, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet, **John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku**, deċiża fit-2 ta' Marzu, 1994, ikkonkludiet illi:

> *"… Ghal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jigi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tieghu m'huwiex se jigi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin. Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak lindividwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato".*

Illi fl-isfond ta' dan kollu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa, iżda bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna, billi filwaqt li tiċħad dawk l-eċċezzjonijiet tal-intimat sa fejn inkompatibbli ma' din is-sentenza:

**1.** **Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru sebgħa u għoxrin tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disgħin (27/1993), u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Isem u Kunjom' 'Missier it-Tarbija', sabiex kunjom il-missier indikat bħala 'Teuma' jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Theuma';**

**2.** **Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru sebgħa u għoxrin tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disgħin (27/1993), u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Isem u Kunjom tal-missier u jekk mhux ħaj jew mejjet', sabiex kunjom in-nannu tar-rikorrenti jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Theuma';**

**3.** **Tordna l-korrezzjoni tal-att taż-żwieġ bin-numru tnejn u tletin tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (32/2023), u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Tagħrif dwar il-Konjuġi (1)', sabiex kunjom ir-rikorrenti jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Theuma';**

**4.** **Tordna l-korrezzjoni tal-att taz-żwieġ bin-numru tnejn u tletin tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (32/2023), u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Isem u kunjom il-ġenituri, inkluż kunjomhom fit-twelid' tat-'Taghrif dwar il-Konjuġi (1)', sabiex kunjom missier ir-rikorrenti jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Theuma at birth 'Theuma'';**

**5.** **Tordna l-korrezzjoni tal-att taż-żwieġ bin-numru tnejn u tletin tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (32/2023), u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Isem u kunjom il-ġenituri, inkluż kunjomhom fit-twelid', sabiex kunjom omm ir-rikorrenti jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Theuma';**

**6.** **Tordna l-korrezzjoni tal-att taż-żwieġ bin-numru tnejn u tletin tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (32/2023), u dan fis-sens illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Kunjom wara ż-żwieġ skond l-artikolu 4(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) kemm fit-'Tagħrif dwar il-Konjuġi (1)' u kemm fit-'tagħrif dwar il-konjuġi (2)', sabiex il-kunjom jiġi sostitwit u kkoreġut bħala 'Theuma';**

7. **Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti, u dan skont l-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**(ft.) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**